



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.10.2011  
KUMM(2011) 640 finali

2011/0271 (NLE)

Proposta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu u d-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f' merkanzija fir-rigward ta' stedina lill-Kroazja u lit-Turkija biex jaderixxu ma' dawn il-Konvenzjonijiet**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Konvenzjonijiet tal-UE-EFTA tal-1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu u s-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkazija (minn hawn 'il quddiem: il-Konvenzjonijiet) attwalment għandhom erba' Partijiet Kontraenti: l-UE, in-Norveġja, l-Isvizzera, u l-Islanda.

Il-Kroazja u t-Turkija huma interessati biex jiġu mistiedna jissieħbu fil-Konvenzjonijiet.

Il-Kummissjoni stabbiliet l-istrateġija tagħha biex tipprepara ċerti pajjiżi kandidati għall-adeżjoni għall-Konvenzjonijiet fil-Komunikazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' 31.5.2001<sup>1</sup> u ta' 18.11.2010<sup>2</sup>. L-approċċ tal-Kummissjoni huwa li kwalunkwe pajjiż li japplika għall-adeżjoni għall-Konvenzjonijiet jista' jkun mistieden biss li jaderixxi jekk huwa jista' jimplementa l-*acquis* kollu dwar it-tranżitu komuni u s-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fis-seħħ f'dak il-mument, fil-livelli leġiżlattivi, operazzjonali u ta' kompjuterizzazzjoni. Fuq il-aħħar punt, il-pajjiżi biss li jistgħu jiġu mistiedna biex jissieħbu fil-Konvenzjonijiet huma dawk li jkollhom sistema ta' tranżitu kompjuterizzata li tissodisfa r-rekwiżiti legali, tekniċi u finanzjarji tas-Sistema l-Ġdida Kompjuterizzata ta' Tranżitu (NCTS) fis-seħħ fil-mument tal-istedina.

Il-valutazzjoni tal-konformità ta' pajjiż mal-istandards stabbiliti għandha ssir fuq bażi individwali u ser teħtieġ evalwazzjoni tal-kapaċità amministrattiva tiegħu kif ukoll ittestjar għall-konformità għall-konnessjoni man-NCTS. Kemm il-Kroazja u kif ukoll it-Turkija għandhom ikunu f'pożizzjoni li jissieħbu fil-Konvenzjonijiet hekk kif ikunu konnessi mal-CCN/CSI li ser jippermetti l-iskambju ta' messaġġi NCTS bejn Partijiet Kontraenti.

L-UE, bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjonijiet, ikollha tistabbilixxi pożizzjoni komuni biex taqbel mal-proposta li tistieden lill-Kroazja u lit-Turkija biex jissieħbu fil-Konvenzjonijiet permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218, id-disa' paragrafu tiegħu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex ikun jista' jkollha l-bażi legali għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu malajr kemm jista' jkun wara li l-valutazzjoni tkun uriet li l-pajjiż kandidat jikkonformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti, id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tipprovdi l-bażi ta' aċċettazzjoni għal dawn il-pajjiżi, li tħalli lill-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-UE fil-Komitati Konġunti, biex tniedi l-proċedura ta' stedina għall-adeżjoni tal-pajjiżi msieħba ġodda.

L-assigurazzjoni legali min-naħa tal-UE li l-konformità tal-pajjiżi mal-kriterji ta' adeżjoni ser tirriżulta immedjatament fil-possibilità li jissieħbu fil-Konvenzjonijiet, għandha għal dawk il-pajjiżi tkun inċentiv biex ikomplu bl-isforzi tagħhom

L-adeżjoni għall-Konvenzjonijiet ser toħloq żona akbar għall-operazzjonijiet ta' tranżitu komuni li ser jibbenefika l-kummerċ Ewropew.

Din id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun il-bażi għall-istedina għall-adeżjoni għall-Kroazja u t-Turkija, li għandhom ikunu lesti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-adeżjoni hekk kif il-konnessjoni mal-CCN/CSI tkun stabbilita. Il-Kummissjoni se tipproponi d-deċiżjonijiet tal-Komitati Konġunti stabbiliti miż-żewġ Konvenzjonijiet li jistiednu lill-Kroazja u t-Turkija,

---

<sup>1</sup> COM(2001) 289 finali

<sup>2</sup> COM(2010) 668 finali

u tnedi l-proċedura għall-adozzjoni tal-istediniet indirizzati lil kull pajjiż hekk kif il-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti jkunu kkonfermaw li l-pajjiż inkwistjoni jkun konformi mal-kundizzjonijiet tekniċi għall-adeżjoni għall-Konvenzjonijiet.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu u d-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkazija fir-rigward ta' stedina lill-Kroazja u lit-Turkija biex jaderixxu ma' dawn il-Konvenzjonijiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropera, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi,

- (1) L-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera, dwar proċedura komuni ta' tranżitu<sup>3</sup> jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit minn dik il-Konvenzjoni biex jadotta permezz ta' deċiżjoni stadiniet lil pajjiżi terzi fis-sens tal-Artikolu 3(1)(c) biex jissieħbu f'dik il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 15a.
- (2) L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkazija<sup>4</sup> jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit minn dik il-Konvenzjoni biex jadotta permezz ta' deċiżjoni stadiniet lil pajjiżi terzi fis-sens tal-Artikolu 3(1)(c) biex jissieħbu f'dik il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 11a,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni fir-rigward ta' stedina lill-Kroazja u lit-Turkija biex jissieħbu fil-Konvenzjoni dwar proċedura

---

<sup>3</sup> ĠU Nru L 226, 13.8.1987, p. 2.

<sup>4</sup> ĠU Nru L 134, 22.5.1987, p. 2.

komuni ta' tranżitu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjonijiet ta' dak il-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA meħmuż magħha.

#### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija fir-rigward ta' stedina lill-Kroazja u lit-Turkija biex jissieħbu fil-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjonijiet ta' dak il-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA meħmuż magħha.

#### *Artikolu 3*

Wara li l-kundizzjonijiet tekniċi għall-adeżjoni jkunu ġew sodisfatti mill-Kroazja u t-Turkija, ir-rappreżentant tal-UE fil-Kumitati Konġunti għandu jipproponi d-deċiżjonijiet li jistieden kull wieħed minnhom biex jissieħbu fil-Konvenzjonijiet u jivvota fuq dawn id-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

ANNEX

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### Abbozz

#### DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR TRANŻITU KOMUNI

##### **Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta**

Stedina tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar "Tranżitu komuni" indirizzata lill-Kroazja sabiex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment tal-oġġetti bejn il-Kroazja, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

##### **Kuntest ġenerali**

Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ('Konvenzjoni') tistabbilixxi l-miżuri li jiffaċilitaw il-moviment tal-oġġetti bejn l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu b'deċiżjoni jistieden pajjiż terz fis-sens tal-Artikolu 3(1) (c), biex jaderixxi mal-Konvenzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15a.

Il-Kroazja xtaqet formalment li taderixxi mal-Konvenzjoni wara li tkun issodisfat ir-rekwiżiti legali, strutturali u tat-teknoloġija tal-informatika, li huma prerekwiżiti essenzjali għall-adeżjoni.

Il-Kumitat Konġunt jniedi tali stedina fejn il-pajjiż jagħti prova li huwa f'pożizzjoni li tkun konformi mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

B'mandat mill-grupp ta' ħidma tal-UE-EFTA dwar "tranżitu komuni", missjoni ta' evalwazzjoni li tkopri prinċipalment l-adattament tal-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali Kroata, il-ħolqien tal-istrutturi meħtieġa għall-ġestjoni tal-proċedura u l-implimentazzjoni tas-Sistema l-Ġdida Kompjuterizzata ta' Tranżitu (NCTS) li tippermetti l-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu fil-Kroazja stabbiliet li l-kundizzjonijiet għal stedina kienu sodisfatti.

##### **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma teżisti ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-proposta.

##### **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-istrateġija għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE.

## KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

#### Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti

Konsultazzjoni ma' u approvazzjoni tal-grupp ta' ħidma ta' "Tranżitu komuni" tal-UE-EFTA li jirrappreżenta lill-Partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni.

#### Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Opinjoni favorevoli

### **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm ebda bżonn għal għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Żewġ opzjonijiet biss jistgħu jiġu eżaminati.

- Is-sitwazzjoni tibqa' mhux mibdula u l-movimenti kollha tal-oġġetti bejn il-Kroazja u l-Komunità, fil-kuntest ta' tranżitu, għandhom jitwettqu bl-użu ta' carnets TIR (il-prezz medju: EUR 50 kull carnet) u garanzija ta' EUR 60 000 kull carnet.

Il-Kroazja taderixxi mal-konvenzjonijiet inkwistjoni u l-proċedura TIR tista' tiġi sostitwita mill-proċedura komuni ta' tranżitu (prezz medju stmat għal kull operazzjoni: EUR 25) u garanzija stabbilita fil-livell tad-debitu doganali potenzjali. Dan inaqqas l-ispiża għall-operatur mingħajr ma tiġi meqjusa kwalunkwe żieda possibbli fil-kummerċ u l-faċilitazzjonijiet oħra disponibbli taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu. Barra minn hekk, dan jirrappreżenta allinjament mal-'acquis communautaire', b'mod partikolari, il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja.

## ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Kumitat Konġunt jixtieq jieħu deċiżjoni u jniedi l-istedina.

L-abbozz tad-Deċiżjoni nru. x/2011 għandu l-għan li jistieden lill-Kroazja taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

Dan l-abbozz ta' deċiżjoni ser jitressaq lill-Kunsill sabiex tinkiseb pożizzjoni komuni għall-adozzjoni finali tiegħu mill-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar "Tranżitu Komuni" waqt laqgħa li jmiss.

### **Bażi legali**

L-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.



### **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

### **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Il-forma tal-azzjoni proposta hija l-unika waħda possibbli.

Il-forma tal-azzjoni proposta ma tinvolvi spejjeż finanzjarji.

### **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Ma jeżistix strument adegwat ieħor.

### **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandiex implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

### **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

#### **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

Il-proposta tintroduċi proċedura ta' tranżitu waħda komuni għall-partijiet kontraenti kollha għall-Konvenzjoni.

Il-proċedura komuni ta' tranżitu tippermetti li l-proċeduri dwar il-movimenti tal-oġġetti jkunu simplifikati.

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR  
TRANŻITU KOMUNI**

**ta'**

**dwar l-istedina lill-Kroazja, biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar  
proċedura komuni ta' tranżitu**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu<sup>5</sup>, u  
b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) tagħha

Billi:

Il-promozzjoni tal-kummerċ mal-Kroazja tiġi ffaċilitata permezz ta' simplifikazzjoni tal-  
formalitajiet li għandhom jitwettqu fil-kuntest tal-kummerċ tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż u l-  
Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni  
Svizzera.

Bil-ħsieb li tinkiseb tali proċedura huwa xieraq li dan il-pajjiż ikun mistieden sabiex jaderixxi  
mal-Konvenzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni, il-Kroazja hija mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri  
bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kroazja fl-Anness għal din id-deċiżjoni, biex taderixxi  
mal-Konvenzjoni minn [... ..]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

---

<sup>5</sup> ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

ANNEX

Ittra Nru 1

Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni ta'..... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lill-Kroazja li ssir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

L-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni tista' ssir billi jiġi ppreżentat l-Istrument tal-Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ittra Nru 2

Strument ta' Adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu

Il-Kroazja,

Waqt li tiegħu nota tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni ta' .... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ("il-Konvenzjoni")

Waqt li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

B'DAN

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni adottati bejn id-data tad-Deċiżjoni ta' ..... u d-data li l-Adeżjoni tal-Kroazja ssir effettiva skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi.....

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### Abbozz

#### DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FUQ IL-KUMMERĊ F'MERKANZIJA

**dwar l-istedina lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija**

### MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

#### KUNTEST TAL-PROPOSTA

##### Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta

Fl-20 ta' Mejju 1987 l-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija stieden lill-Kroazja, wara talba li għamlet hija stess, biex taderixxi mal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija, li tiffaċilita l-moviment tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

##### Kuntest ġenerali

Il-konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija tipprevedi l-miżuri li jiffaċilitaw il-moviment ta' merkanzija bejn l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3) tal-konvenzjoni msemmija hawn fuq, il-Kumitat Konġunt jadotta permezz ta' deċiżjoni l-istedina lejn pajjiż terz fis-sens tal-Artikolu 1(2), sabiex jaderixxi mal-Konvenzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11a

Il-Kroazja xtaqet formalment li tkun tista' taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija wara li tkun issodisfat il-kundizzjonijiet essenzjali, legali, strutturali u tal-kompjuter, li huma prerekwiżiti essenzjali.

Il-Kumitat Konġunt iddeċieda li jniedi din l-istedina bil-kondizzjoni li l-pajjiż jista' juri li kien f'pożizzjoni li jkun konformi mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġament.

B'mandat mill-grupp ta' ħidma tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija, missjoni ta' evalwazzjoni li tkopri prinċipalment l-adattament tal-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali Kroata, il-ħolqien tal-istrutturi meħtieġa għall-ġestjoni tal-proċedura u l-implimentazzjoni tas-Sistema l-Ġdida Kompjuterizzata ta' Tranżitu (NCTS) li tippermetti l-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu stabbiliet li l-kundizzjonijiet għal stedina kienu sodisfatti.

### **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma teżisti ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-proposta.

### **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-istrateġija għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE.

## **KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

#### *Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti*

Konsultazzjoni u approvazzjoni tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-grupp ta' ħidma tal-kummerċ tal-oġġetti, li jirrappreżenta lill-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni.

#### *Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati*

Opinjoni favorevoli

### **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm ebda bżonn għal għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

Faċilitazzjoni tal-moviment ta' merkanzija bejn il-Kroazja, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet komuni għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija u għal-leġiżlazzjoni tal-UE.

## **ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Kumitat Konġunt jixtieq jieħu deċiżjoni u jniedi l-istedina.

L-abbozz tad-Deċiżjoni nru. x/20xx għandu l-għan li jistieden lill-Kroazja taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

Dan l-abbozz ta' deċiżjoni ser jitressaq lill-Kunsill sabiex tinkiseb pożizzjoni komuni għall-adozzjoni finali tiegħu mill-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija fil-laqgħa li jmiss

tiegħu.

### **Bażi legali**

L-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

### **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

### **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Il-forma tal-azzjoni proposta hija l-unika waħda possibbli.

Il-forma tal-azzjoni proposta ma tinvolvi spejjeż finanzjarji.

### **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Ma jeżistix strument adegwat ieħor.

## **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandiex implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

### **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

Il-proposta tintroduċi simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija għall-partijiet kontraenti kollha għall-Konvenzjoni.

Is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija tippermetti s-simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu.

## Abbozz

### DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FUQ IL-KUMMERĊ F'MERKANZIJA

**dwar l-istedina lill-Kroazja, biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija<sup>6</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) L-iskambju tal-oġġetti mal-pajjiż tal-Kroazja se jkun iffaċilitat bis-simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jolqtu l-kummerċ tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż u l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

(2) Bil-ħsieb li jinkiseb tali ffacilitazzjoni huwa xieraq li dan il-pajjiż jiġi mistieden biex jaderixxi mal-Konvenzjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kroazja hija mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kroazja, murija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, biex taderixxi mal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 11a ta' din il-Konvenzjoni mill-[.....]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

---

<sup>6</sup> ĠU L 134, 22.05.1987, p. 2.



## ANNEX

### Ittra Nru 1

Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija ta'..... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lill-Kroazja biex issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija.

L-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni tista' ssir billi jiġi ppreżentat l-Istrument tal-Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ittra Nru 2

Strument tal-Adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija

Il-Kroazja,

Waqt li tirrikonoxxi d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija ta' .... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija ("il-Konvenzjoni").

Waqt li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

B'DAN

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija adottati bejn id-data tad-Deċiżjoni ta' ..... u d-data li l-Adeżjoni tal-Kroazja ssir effettiva skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### Abbozz

#### DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR TRANŻITU KOMUNI

##### **Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta**

Stedina tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar "Tranżitu komuni" indirizzata lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu sabiex tiffaċilita l-moviment tal-oġġetti bejn it-Turkija, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

##### **Kuntest ġenerali**

Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ('Konvenzjoni') tistabbilixxi l-miżuri li jiffaċilitaw il-moviment tal-oġġetti bejn l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu b'deċiżjoni jistieden pajjiż terz fis-sens tal-Artikolu 3(1) (c), biex jaderixxi mal-Konvenzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15a.

It-Turkija xtaqet formalment li taderixxi mal-Konvenzjoni wara li tkun issodisfat ir-rekwiżiti legali, strutturali u tat-teknoloġija tal-informatika, li huma prerekwiżiti essenzjali għall-adeżjoni.

Il-Kumitat Konġunt jniedi tali stedina fejn il-pajjiż jagħti prova li huwa fpożizzjoni li tkun konformi mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

B'mandat mill-grupp ta' ħidma tal-UE-EFTA dwar "tranżitu komuni", missjoni ta' evalwazzjoni li tkopri prinċipalment l-adattament tal-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali Torka, il-ħolqien tal-istrutturi meħtieġa għall-ġestjoni tal-proċedura u l-implimentazzjoni tas-Sistema l-Ġdida Kompjuterizzata ta' Tranżitu (NCTS) li tippermetti l-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu fit-Turkija stabbiliet li l-kundizzjonijiet għal stedina kienu sodisfatti.

##### **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma teżisti ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-proposta.

##### **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-istrateġija għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE.

## KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

#### Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti

Konsultazzjoni ma' u approvazzjoni tal-grupp ta' ħidma ta' "Tranżitu komuni" tal-UE-EFTA li jirrappreżenta lill-Partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni.

#### Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Opinjoni favorevoli

### **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm ebda bżonn għal għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Żewġ opzjonijiet biss jistgħu jiġu eżaminati.

- Is-sitwazzjoni tibqa' mhux mibdula u l-movimenti kollha tal-oġġetti bejn il-Kroazja u l-Komunità, fil-kuntest ta' tranżitu, għandhom jitwettqu bl-użu ta' carnets TIR (il-prezz medju: EUR 50 kull carnet) u garanzija ta' EUR 60 000 kull carnet.

- It-Turkija taderixxi mal-konvenzjonijiet inkwistjoni u l-proċedura TIR tista' tiġi sostitwita mill-proċedura komuni ta' tranżitu (prezz medju stmat għal kull operazzjoni: EUR 25) u garanzija stabbilita fil-livell tad-debitu doganali potenzjali. Dan inaqqas l-ispiża għall-operatur mingħajr ma tiġi meqjusa kwalunkwe żieda possibbli fil-kummerċ u l-faċilitazzjonijiet oħra disponibbli taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu. Barra minn hekk, dan jirrappreżenta allinjament mal-'acquis communautaire', b'mod partikolari, il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja.

## ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Kumitat Konġunt jixtieq jieħu deċiżjoni u jniedi l-istedina.

L-abbozz tad-Deċiżjoni nru x/2011 għandu l-għan li jstieden lit-Turkija taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

Dan l-abbozz ta' deċiżjoni ser jitressaq lill-Kunsill sabiex tinkiseb pożizzjoni komuni għall-adozzjoni finali tiegħu mill-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar "Tranżitu Komuni" waqt laqgħa li jmiss.

### **Bażi legali**

L-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

### **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

### **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Il-forma tal-azzjoni proposta hija l-unika waħda possibbli.

Il-forma tal-azzjoni proposta ma tinvolvi spejjeż finanzjarji.

### **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Ma jeżistix strument adegwat ieħor.

### **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandiex implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

### **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

#### **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

Il-proposta tintroduċi proċedura ta' tranżitu waħda komuni għall-partijiet kontraenti kollha għall-Konvenzjoni.

Il-proċedura komuni ta' tranżitu tippermetti li l-proċeduri dwar il-movimenti tal-oġġetti jkunu simplifikati.

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR  
TRANŻITU KOMUNI**

**ta'**

**dwar l-istedina lit-Turkija, biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar  
proċedura komuni ta' tranżitu**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu<sup>7</sup>, u  
b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) tagħha

Billi:

Il-promozzjoni tal-kummerċ mat-Turkija tiġi ffaċilitata permezz tas-simplifikazzjoni tal-  
formalitajiet li għandhom jitwettqu fil-kuntest tal-kummerċ tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż u l-  
Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni  
Svizzera.

Bil-ħsieb li tinkiseb tali proċedura huwa xieraq li dan il-pajjiż ikun mistieden sabiex jaderixxi  
mal-Konvenzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni, it-Turkija hija mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri  
bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u t-Turkija fl-Anness għal din id-deċiżjoni, biex taderixxi  
mal-Konvenzjoni minn [... ..]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

---

<sup>7</sup> ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

ANNEX

Ittra Nru 1

Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt tal-UE-EFTA li tistieden lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni ta' ..... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lit-Turkija li ssir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu.

L-adeżjoni tat-Turkija għall-Konvenzjoni tista' ssir billi jiġi ppreżentat l-Istrument tal-Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tat-Turkija skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ittra Nru 2

Strument ta' Adeżjoni tat-Turkija għall-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu

It-Turkija

Waqt li tiegħu nota tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni ta' .... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu ("il-Konvenzjoni"),

Waqt li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

B'DAN

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tat-Turkija;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Komitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar tranżitu komuni adottati bejn id-data tad-Deċiżjoni ta' ... .. u d-data li l-Adeżjoni tat-Turkija ssir effettiva skont l-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi.....



## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### Abbozz

#### DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FUQ IL-KUMMERĊ F'MERKANZIJA

**dwar l-istedina lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija**

### MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

#### KUNTEST TAL-PROPOSTA

##### Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta

Stedina għal adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija magħmula mill-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija indirizzata lit-Turkija, wara t-talba tagħha, li tiffaċilita l-moviment tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

##### Kuntest ġenerali

Il-konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija tipprevedi l-miżuri li jiffaċilitaw il-moviment ta' merkanzija bejn l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3) tal-konvenzjoni msemmija hawn fuq, il-Kumitat Konġunt jadotta permezz ta' deċiżjoni l-istedina lejn pajjiż terz fis-sens tal-Artikolu 1(2), sabiex jaderixxi mal-Konvenzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11a

It-Turkija xtaqet formalment li tkun tista' taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fl-oġġetti wara li tkun issodisfat il-kundizzjonijiet essenzjali, legali, strutturali u tal-kompjuter, li huma prerekwiżiti essenzjali.

Il-Kumitat Konġunt iddeċieda li jniedi din l-istedina bil-kondizzjoni li l-pajjiż jista' juri li kien f'pożizzjoni li jkun konformi mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġament.

B'mandat mill-grupp ta' ħidma tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet, missjoni ta' evalwazzjoni li tkopri prinċipalment l-adattament tal-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali Torka, il-ħolqien tal-istrutturi meħtieġa għall-ġestjoni tal-proċedura u l-implimentazzjoni tas-Sistema l-Ġdida Kompjuterizzata ta' Tranżitu (NCTS) li tippermetti l-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu stabbiliet li l-kundizzjonijiet għal stedina kienu sodisfatti.

### **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma teżisti ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-proposta.

### **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-istrateġija għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE.

## **KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

#### *Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti*

Konsultazzjoni u approvazzjoni tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-grupp ta' ħidma tal-kummerċ tal-oġġetti, li jirrappreżenta lill-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni.

#### *Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati*

Opinjoni favorevoli

### **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm ebda bżonn għal għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

Faċilitazzjoni tal-moviment tal-oġġetti bejn it-Turkija, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

Introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet komuni għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija u għal-leġiżlazzjoni tal-UE.

## **ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Kumitat Konġunt jixtieq jieħu deċiżjoni u jniedi l-istedina.

L-abbozz tad-Deċiżjoni nru. x/20xx għandu l-għan li jistieden lit-Turkija taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

Dan l-abbozz ta' deċiżjoni ser jitressaq lill-Kunsill sabiex tinkiseb pożizzjoni komuni għall-adozzjoni finali tiegħu mill-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija fil-laqgħa li jmiss

tiegħu.

### **Bażi legali**

L-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija.

### **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

### **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Il-forma tal-azzjoni proposta hija l-unika waħda possibbli.

Il-forma tal-azzjoni proposta ma tinvolvi spejjeż finanzjarji.

### **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejjin.

Ma jeżistix strument adegwat ieħor.

## **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandiex implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

### **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

Il-proposta tintroduċi simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija għall-partijiet kontraenti kollha għall-Konvenzjoni.

Is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerç f'merkanzija tippermetti s-simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tal-proċedura komuni ta' tranżitu.

## Abbozz

# DEĊIŻJONI Nru x/20xx TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-UE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FUQ IL-KUMMERĊ F'MERKANZIJA

**dwar l-istedina lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija<sup>8</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Fit-tnejn tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea għat-Turkija l-iskambju tal-oġġetti ma' dan il-pajjiż jiġi ffaċilitat bis-simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jolqtu l-kummerċ tal-oġġetti bejn dan il-pajjiż u l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.

(2) Bil-ħsieb li jinkiseb tali ffaċilitazzjoni huwa xieraq li dan il-pajjiż jiġi mistieden biex jaderixxi mal-Konvenzjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-Turkija hija mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u t-Turkija, murija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, biex taderixxi mal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 11a ta' din il-Konvenzjoni mill-[.....]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

---

<sup>8</sup> ĠU L 134, 22.05.1987, p. 2.

## ANNEX

### Ittra Nru 1

Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA li tistieden lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija ta'..... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lit-Turkija biex issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija.

L-adeżjoni tat-Turkija għall-Konvenzjoni tista' ssir billi jiġi ppreżentat l-Istrument tal-Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tat-Turkija skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ittra Nru 2

Strument tal-Adeżjoni tat-Turkija għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija

It-Turkija

Waqt li tirrikonoxxi d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija ta' .... (id-Deċiżjoni Nru x/20xx) li tistieden lit-Turkija biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija ("il-Konvenzjoni"),

Waqt li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

B'DAN

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tat-Turkija;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija bejn id-data tad-Deċiżjoni ta' ... .. u d-data li l-Adeżjoni tat-Turkija ssir effettiva skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi

**Qasam (Oqsma) tal-politika: DWANA**

**Attività(ijiet): --**

Il-proposta m'għandiex implikazzjonijiet finanzjarji (tinvolvi aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' miżura)